MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 401/2011

**Raymond sive Ramon Borg Bartolo u Simone Borg Bartolo**

**vs**

**Timberland Limited (C16878)**
**Mark Andrew Brincat**
**Rita Brincat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ta’ l-atturi pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti fit-2 ta’ Dicembru 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi in solidum jew min minnhom is-somma ta’ hdax-il elf, mitejn u erbghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€11,240.84) dovuti lill-atturi rapprezentanti depozitu li l-atturi kienu taw lill-konvenuti bhala parti minn prezz ta’ xoghol ta’ bibien u xambrelli liema depozitu ma thallasx lura minkejja li l-

kuntratt ta' xoghol ta' bibien u xambrelli kien gie imhassar bi qbil bejn il-partijiet kollha koncernati.

Il-konvenuti minkejja gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' Inibizzjoni Numru 1669/2009JA u tal-protest gudizzjarju numerat 445/09 datat sebgha (7) ta' Ottubru, 2009, u bl-imghax legali mid-data tal-imsemmi protest gudizzjarju sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti in solidum jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Brincatipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Awwissu 2012 fejn eccepiet:

*"Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez, fil-konfront ta' l-eccipjenti u dan peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante s-segwenti ragunijiet:*

*1. Illi preliminarjament l-eccipjenti teccepixxi li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili [Kap 16] tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti la qatt irceviet l-ebda forma ta' depozitu minghand l-atturi u lanqas qatt ma ghamlet kuntratt ma' l-atturi f'isimha personali ghal xoghol ta' bibien u xambrelli.*
*3. Illi fi kwalunkwe kaz, ghandu jirrizulta illi jekk id-depozitu mhallas mill-atturi u l-kuntratt ta' xoghol saru fil-kummerc, l-eccipjenti ma tistax tigi mitluba li twiegeb ghal tali talba f'isimha proprju stante li r-relazzjoni guridika ta' l-atturi kienet jew mas-socjeta' konvenuta Timberland Limited jew mal-konvenut Mark Andrew Brincat f'ismu proprju u qatt ma kien hemm involvement taghha f'isimha personali.*
*4. Illi jekk ir-relazzjoni guridika ta' l-atturi meta sar id-depozitu u l-kuntratt ta' xoghol kienet ma' Timberland Limited, l-ammont dovut ghandu jkun mitlub biss kontra s-socjeta' konvenuta u mhux kontra l-eccipjenti f'isimha personali.*

*5. Illi min-naha l-ohra, jekk l-atturi taw depozitu lill-konvenut Mark Andrew Brincat f'ismu personali u ghamlu kuntratt ta' xoghol mieghu, l-eccipjenti titlob illi kwalsiasi ammont li jista' jkun likwidat favur l-atturi ma ghandux jithallas in solidum jew mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konvenuti u dan stante li l-eccipjenti qatt ma awtorizzat tali transazzjoni.*
*6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu jippruvaw kif wasslu ghall-ammont minnhom reklamat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz."*

Rat illi minkejja s-socjeta' konvenuta Timberland Limited kif ukoll il-konvenut Mark Brincat gew debitament notifikati bl-avviz promotur, huma ma rrispondewx ghall-kawza u baqghu kontumaci.

Rat l-affidavit tal-attur **Raymond sive Ramon Borg Bartolo** li gie pprezentat fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li huwa kien talab lil Mark Andrew Brincat sabiex jahdimlu bibien u xambrelli tal-iroko u 'Ash'. Huwa kien hallsu diversi depoziti f'diversi okkazjonijiet sabiex ilestilu x-xoghol sal-14 ta' Awissu 2009. L-attur iddikjara li b'kollox kien tah l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u disghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€26,892.29). Huwa stqarr li hlief ghal ricevuta wahda, hu kien tah ricevuti minghajr *letterheads* tal-kumpanija tieghu ghal dawn id-depoziti li thallsu. Huwa kien hallas dawn id-depoziti permezz ta' cekkijiet u flus kontanti. Dawn il-flus thallsu bil-quddiem biex ix-xoghol ma jieqafx ghax l-attur sar jaf minghandu stess li kellu hafna dejn man-nies u ma kellux biex jixtri l-materjal ghax-xoghol li kien ordnalu biex jaghmel.

L-attur kien mar fil-workshop tieghu li qieghed Timberland, Unit 38, Industrial Estate, Luqa fejn urieh il-bibien u x-xambrelli li kien fassal. Ix-xoghol baqa' lura u kien qabez iz-zmien li kienu ftehmu biex ix-xoghol jitlesta u l-workshop beda jzommu maghluq. Ghalhekk l-attur ghamel protest gudizzjarju kontra tieghu, martu u kontra l-kumpanija ghax ma kienx jaf min kien responsabbli ghax-xoghol u min kien ha l-flus. L-attur kien avzah fil-protest

gudizzjarju li kien ha jaghmel rapport lill-Pulizija Ezekuttiva peress li kien jidher li kien ha l-flus ghal skopijiet mhux konnessa max-xoghol li hu kien qabdu biex jghamillu.

Huwa beza’ li l-injam li kien hallas ghalih kien jinhareg mill-workshop u jiddisponi minnu. Ghalhekk l-attur ghamel mandat ta’ inibizzjoni li jgib in-numru 1669/2009 liema mandat kien intlaqa’ mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili. Sussegwentament huwa kien dahal f’tahditiet ma’ Mark Andrew Brincat u ma’ martu permezz ta’ l-avukat tieghu u fil-25 ta’ Novembru 2010 kienu waslu ghal ftehim li l-attur kellu jiehu x-xoghol li kien lahaq lesta.

L-attur sab mastrudaxxa iehor u kien mar mieghu l-workshop biex jispezzjona x-xoghol li kien sar u jiehduh mill-workshop. Dan kollu sar fil-presenza ta’ Mark Andrew Brincat, martu u l-konsulenti legali tal-partijiet kollha. Dakinhar l-attur kien iffirma u ta rcevuta li kien ipprezentalu l-avukat tal-koppja Brincat. Huwa pprezenta kopja ta’ din mal-affidavit. Wara li gie ezaminat l-injam u x-xoghol li lahaq tlesta, irrizulta lill-attur li huwa kien hallas lill-konvenuti l-ammont ta’ hdax-il elf, mitejn u erbghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€11,240.84) zejda. L-attur talab li jithallas lura dan id-depozitu izda ghadu sal-lum baqa’ ma thallasx. Ghalhekk huwa stqarr illi ma kellux triq ohra hlief li jipprezenta din il-kawza.

**Raymond Borg Bartolo** xehed in kontro-ezami fit-8 ta’ Mejju 2013 fejn esebixxa *spreadshee*t li giet immarkata bhala Dok RBB u qal li dan id-dokument gie komissjonat minnu u fih hemm imnizzel meta ta x-xoghol lill-konvenut. Hemm id-diversi pagamenti kif saru bid-data u referenza tac-cheque li x-xhud kien tah. Dan kollu jammonta ghal €26,892.29. Meta hemm indikat ghall-bibien tal-gallarija €10,948.05 spjega li dan huwa prezz li kien gie miftiehem bejnu u bejn Mark Brincat. It-tieni item cioe’ ghall-bibien principali tal-flatijiet fejn hemm indikat €4,427 dan kien fit-tieni fazi fejn huwa kellu jaghmel il-bibien tal-intern tal-injam fraxnu.  Dwar it-tielet item ghal bibien interni €7,176.40 spjega li dan kien il-prezz miftihem ghal xoghol intern li wkoll kellhom isiru tal-fraxnu. L-€2,000 huma spejjez li ghamel l-attur ma’ St Anthony Woodworks biex

jirriabilita l-ewwel u t-tieni fazi. L-ammont ta’ €4900 imsemmija huma spejjez li ghamel l-attur ma’ St Anthony Woodwork biex irrintegra t-tielet fazi.

Esebixxa ritratti li gew immarkati bhala Dokument RBB1 u RBB2. Dawn huma ritratti ta’ kif kien imholli x-xoghol fl-ewwel u fit-tieni fazi qabel ma ghamel l-ispiza ta’ €2,000 ma’ St Anthony Woodwork. Huwa esebixxa wkoll CD fejn hemm sitta u sittin ritratt fiha li jindikaw l-istat tal-bibien kif gew imhollija lilu mill-konvenut liema CD giet immarkata bhala dokument RBB3. Dawn huma l-bibien kif gew imhollija lill-attur mis-Sur Brincat nofs lehja. Huwa stqarr li huma dahlu fil-binja fl-20 ta’ Novembru 2009 kif hemm indikat fl-ahhar linja tal-istess dokument RBB. Ghalhekk komplessivament hu hallas ghat-tiswijiet li kellhom isiru s-somma ta’ €2490.

Sostna li l-hlasijiet li ghamel lill-konvenut u cioe’ l-ammont ta’ €10,948.05 ghal bibien tal-gallarija, €4,427 ghal bibien principali tal-flatijiet u €7,176.40 ghal bibien interni flimkien jammontaw ghal €22,551.45 pero’ effettivament hu lill-konvenut kien tah is-somma ta’ €26,892.29 u ghalhekk gie li hallsu s-somma ta’ €4,140.84. B’hekk hu ried ifisser li l-€4,140.84 li hu hallsu zejjed jirraprezenta t-18% fuq is-somma ta’ €22,551.45. Huwa qed jippretendi s-somma ta’ €4,140.84 li hallas ghal VAT jekk huwa ma jaghtihx il-VAT receipt. Filfatt ix-xoghol ma kienx komplut u ghalhekk il-VAT ma kienx dovut, ma kienx pagabbli. Ghalhekk l-attur spjega li jekk inti tghodd is-somma ta’ €6,900 li l-attur hallas bhala danni lil St Anthony Woodwork u s-somma ta’ €4,140.84 li huma l-flus zejda li hu tah, jammontaw ghal €11,040.84 u cioe’ s-somma mitluba fl-avviz. Hu stqarr li s-somma ta’ €4,140.84 originarjament ma tahomlux bhala VAT, din is-somma hu tahielu bhala parti mis-somma li finalment kellu jaghtih. Pero’ peress li l-ammont ta’ xoghol kien jiswa biss €22,551.45 gie li hu in excess hallsu s-somma ta’ €4,140.84 u ghalhekk qed jitlob ir-rifuzjoni ta’ din is-somma. Is-somma ta’ €22,551.45 giet kalkulata mill-istess stimi li esebixxa l-konvenut.

Esebixxa ulterjament kont immarkat mill-Qorti bhala Dokument RBB4. Hu spjega li l-fatturi esebiti jirreferu ghal

hames fazijiet ta' xoghol meta effettivament il-konvenut lahaq ghamel tlieta minnhom, meta effettivament hu lill-konvenut kien ikkommissjonalu biex jaghmel tlett fazijiet. L-attur meta kien tah l-ewwel elfejn lira dan kien jikkoncerna dokument esebit fl-atti a fol 62 datat l-1 ta' Novembru 2007. Huwa spjega li l-ammont ta' €10,948.05 li huwa ghal bibien tal-gallarija jirrifletti l-ammont imsemmi fid-dokument 61 u cioe' s-somma ta' Lm4,768.71 fuq id-dokument MA. Naturalment is-somma li hemm indikata fid-dokument MA li ghamel referenza ghaliha ma tinkludix il-VAT. Rigwardanti t-tieni ammont u cioe' ghal-bibien principali ghal flatijiet €4447 hu spjega li dan huwa ndikat fid-dokument a fol 23 tal-atti datat 15 ta' Jannar 2008, dak tat-tielet parti u cioe' €7,176.40 dawn jinsabu deskritti fit-tieni item ta' fol 63 datat 15 ta' Jannar 2008. L-affarijiet l-ohra imsemmija fil-quotations ma gewx ikkommissjonati minnu. Huwa kkonferma naturalment li ghalhekk hu accetta l-quotations mahruga mis-socjeta' Timberland. Huwa dejjem hallas lil Mark Brincat. Mas-sinjura Rita Brincat hu qatt ma kien iltaqa' jew iddiskuta n-negozju in kwistjoni u lanqas ghaddielha l-flus.

**L-attur** rega' xehed fid-19 ta' Gunju 2013 fejn ghamel referenza ghax-xhieda precedenti tieghu tat-8 ta' Mejju 2013 fejn f'linja 19 hemm miktub "ghalhekk nixtieq nghid li komplessivament jien hallast ghat-tiswija li kellhom isiru s-somma ta' €2490" spjega li onestament huwa ma jafx li qatt qal frazi bhal din. Huwa ghamel referenza ghat-tieni pagna tax-xhieda tieghu li huwa kien ta fit-8 ta' Mejju 2013 fejn hemm miktub li effettivament kien allegatament qal li l-konvenut ghamel tlieta minnhom iddikjara li effettivament fil-fehma tieghu ma kienx ghamel xejn minnhom.

L-attur esebixxa Dokument MA1 li hija *graph* ta' *spreadsheet* li huwa kien ipprezenta fis-seduta precedenti. Huwa ghadda kopja tal-istess lill-kontroparti. Dan sabiex jirrizulta bic-car kif effettivament saru l-pagamenti. Huwa stqarr li c-cekkijiet li hareg u ghadda lill-konvenut effettivament kienu intestati *pay cash*. L-ewwel cekk pero' hareg f'isem is-socjeta' Timberland Limited. Sahansitra anke l-kont tad-dawl huwa kien hallas tas-socjeta' konvenuta ghax qallu li kienu ser jaqtawlu d-dawl u dan

bil-ghan li l-ammont jigi ridott minn dak li kellu jaghtih. Dan il-kont kien tal-workshop, tal-mahzen.

**Dr Jonathan Spiteri,** prodott mill-konvenuta Rita Brincat, xehed fl-4 ta’ April 2013 fejn iddikjara li dakinhar li saret l-iskrittura esebita fl-atti a fol 40 qal li dak iz-zmien huwa kien jezercita l-professjoni tieghu ta’ avukat flimkien ma’ Dr Scott fl-istess ufficcju u nfurmatu li kien ser ikun hemm xi laqgha hdejn il-workshop tas-sur Brincat u hija dakinhar ma setghatx tmur u talbitu biex imur fl-interess ta’ Rita Brincat li dakinhar kienet ukoll prezenti. Sakemm kien mar fuq il-post, ftit li xejn kien jaf fuq il-kwistjoni li kien hemm pendenti. Huwa stqarr li meta mar fuq il-post kien sab lil persuna l-ohra li effettivament kien ordna xi xoghlijiet u dan fil-prezenza tal-avukat tieghu Dr Mario Caruana u sabu l-injam li originarjamnent kienu ordnaw. Ix-xhud tenna li x-xoghol ma kienx sar kollu min dak li ra hu u kienu ddiskutew jekk setghux jiehdu lura l-materjal li kellhom, u filfatt saret l-iskrittura li hawn esebita fl-atti a fol 40. Flimkien mas-sur Borg Bartolo kien hemm zewg lavranti li kellhom vann u filfatt l-injam li kien hemm kien inhatt fuq dan il-van. Il-persuna imsemmija fl-iskrittura bhala mastrudaxxa Xerri, ma giex imsemmi mix-xhud. L-iskrittura a fol 40 giet miktuba mix-xhud stess. Din l-iskrittura saret bhala prova li effettivament l-injam gie mehud. Huwa esebixxa kopja tar-ritratt tal-injam in kwistjoni li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument JS, li effettivament dawn huma erba’ ritratti.

**Il-konvenut Mark Andrew Brincat** xehed bl-Ingliz fl-4 ta’ April 2013 fejn iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta’ *managing director* mal-kumpanija Timberland Limited. Huwa konsapevoli tal-ftehim li hemm bejn Timberland Limited u Ramon Borg Bartolo. Huwa esebixxa dan il-ftehim li gie mmarkat bhala Dok. MA. Huwa kkonferma li Ramon Borg Bartolo ghamel pagamenti kif jidher f’fol 5 ta’ Dok MA. Wara li sar il-ftehim beda x-xoghol u ghamlu l-bibien. Qal li dak iz-zmien kien ghadda minn problemi familjari mal-mara tieghu u bdew il-procedura ghas-separazzjoni. Tenna li l-attur Ramon Borg Bartolo kien jafu dan. Stqarr illi kellu jaghmel zmien ma jmurx ghax-xoghol ghax ma kellux mohhu hemm. Meta rritorna lura

ghax-xoghol huwa nforma lil Ramon Borg Bartolo b'dan. Pero' dan ma ridux ikompli ghax ried isib lil xi hadd iehor biex ilesti x-xoghol. Fil-fehma tieghu pero' x-xoghol kien kwazi lest.

Huwa gie muri r-ritratti li huma mmarkati bhala Dok. JS u kkonferma li dan hu l-materjal li gie mehud mill-fabbrika tieghu. Huwa sostna li qatt ma rrifjuta li jkompli jaghmel ix-xoghol. Kien l-attur li talbu biex jieqaf. Ix-xhud esebixxa erba' ritratti ohrajn li gew immarkati bhala Dok. MA1 li jindikaw il-panels tal-bibien u l-bieb maghqudin flimkien. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-*box frames*. Dawn id-dokumenti huma mmarkati bhala Dok MA1. Huwa jiftakar li fil-meeting kien hemm prezenti Dr Jonathan Spiteri, il-mara tieghu Rita Brincat, Ramon Borg Bartolo u tnejn mill-impjegati ta' Borg Bartolo - zewg impjegati ta' mastrudaxxi li kienu se jkomplu x-xoghol. Dawn ispezzjonaw il-materjal u ddikjaraw li kien tajjeb. Mistoqsi jekk Rita Brincat kinitx taf b'dan il-ftehim huwa wiegeb li kienet taf mill-bidu nett tal-kuntratt. Hija ma kinitx dejjem prezenti waqt li kien ghaddej bix-xoghol pero' kienet taf b'kollox. Hija kienet tokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpanija.

Mistoqsi min ircieva l-flus imsemmija f'Dok. MA, huwa qal li kienet il-kumpanija Timberland. Huwa kien jircievi l-flus ghan-nom tal-kumpanija. Il-flus marru ghand il-kumpanija biex isir ix-xoghol. Huwa kkonferma illi zewg terzi tax-xoghol li kien gie nkarigat biex jaghmel kien lest.

**Mark Brincat rega'** xehed fid-19 ta' Gunju 2013 bil-lingwa Ingliza fejn iddikjara li huwa qatt ma kellu impjegati registrati taht ismu proprju, mentri s-socjeta' Timberland Limited kellha zewg impjegati u cioe' Janet Cuschieri u persuna Bulgara li x-xhud ma jistax jiftakar x'jismu. Spjega wkoll li kellu part-timer Joe Spiteri mpjegat mal-kumpanija Timberland Limited. Huwa kkonferma li Mr Borg Bartolo kien hallas il-kont tal-elettriku pero' dan il-kont kellu jithallas mis-socjeta' Timberland Limited mhux minnu personalment.

Ix-xhud iddikjara li l-ammont ta' flus li tah Mr Borg Bartolo fil-bidu kien ftit hafna u kien ghalhekk li x-xhud beda jitlob

ghal hlas iehor. Mr Borg Bartolo baqa' jigi xi drabi fil-gimgha biex jara x-xoghol u baqa' jhallas l-ammonti. Mistoqsi ghaliex il-pagamenti bdew isiru bhala *cash* wiegeb li dak iz-zmien il-kumpanija kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji u kellha problema ta' cash flow. Pero' dan l-ammont kien eventwalment dovut lill-kumpanija. Ix-xhud stqarr illi dak iz-zmien kellu l-problemi kemm fil-hajja matrimonjali tieghu u kemm fil-kumpanija. Huwa uza l-flus li tah l-attur biex ihallas il-kontijiet tieghu, ihallas il-pagi, biex jixtri l-materjal u spejjez ohrajn. Ix-xhud iddikjara li l-ircevuti kien jghaddihom lill-accountant tieghu u cioe' lil Charles Cassar. Filfatt huwa jitakar li Mr Borg Bartolo kien mar direttament ghand is-socjeta' Timberland u hallas direttament hemmhekk.

**Rita Brincat** xehdet fl-4 ta' April 2013 fejn iddikjarat illi hija qatt ma rat lis-sur Borg Bartolo bhalma qatt ma rat hafna mill-klijenti l-ohrajn. Hija stqarret illi xogholha kien li tiehu hsieb it-tfal. Il-kumpanija kien jiehu hsiebha zewgha Mark u filfatt kien hu li jahdem fil-kumpanija Timberland Limited. Hija saret taf li kien hemm problemi bejn is-sur Borg Bartolo u l-kumpanija Timberland Limited meta bdew bis-separazzjoni taghhom. L-ewwel darba li hija kienet iltaqghet mas-sur Borg Bartolo kien dakinhar meta mar jiehu l-injam minn ghandhom. Hija qatt ma rceviet xi flus minghand is-Sur Borg Bartolo. Hija sostniet li r-ragel kien jahdem f'isem is-socjeta' Timberland Limited u anke l-VAT number kien tas-socjeta' Timberland Limited.

Rat in-nota ipprezentata mill-atturi nhar is-27 ta' Gunju 2013, b'kopja ta' cekkijiet mahrugin u mhallsa minnhom, liema dokumenti huma immarkati bhala Dok RBB1 sa RBB17.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2013, l-attur ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet finali tieghu, u l-Qorti laqghet it-talba tal-konvenuta Rita Brincat li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet taghha sat-30 ta' Lulju 2013.

Rat in nota ta' sottomissjonijiet ta' Rita Brincat ippezentata nhar il-5 ta' Awwissu 2013.

Rat li li l-partijiet awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi l-atturi qeghdin jitlobu "*ir-rifuzjoni ta' flus fl-ammont ta' €11,240.84, rapprezentanti depozitu illi l-attur kien hallas lill-konvenuti bhala parti minn prezz ta' xoghol ta' bibien u xambrelli, liema depozitu ma thallasx lura minkejja li l-kuntratt ta' xoghol ta' bibien u xambrelli kien gie mhassar bi qbil bejn il-partijiet*." L-attur in sostenn tat-talba tieghu pprezenta affidavit kif ukoll dokumenti in sostenn tax-xhieda tieghu, u cioe' kopji ta' cekkijiet, rendikont tal-hlasijiet, kif ukoll graph tal-ispejjez maghmula. Jigi nnotat li l-attur naqas milli jipprezenta kopji tal-ircevuti tal-hlasijiet illi huwa ghamel allegatament lil terzi bhala prova ta' dak li stqarr huwa stess u cioe' illi huwa kellu jhallas biex jitlesta x-xoghol. Illi l-attur fix-xhieda tieghu wkoll jaghmel referenza sabiex jigi rimborsat tad-danni li huwa sofra, meta fl-avviz promotur ma jitlobx lil din il-Qorti sabiex tordna l-likwidazzjoni u eventwali kundanna tad-danni izda jitlob lill-Qorti sabiex limitatament tordna "*r-rifuzjoni ta' depozitu li kien sar lill-konvenuti ghal xoghol li ma tlestiex".*

Illi kemm is-socjeta' konvenuta Timberland kif ukoll il-konvenut Mark Brincat, minkejja li gew debitament notifikati bl-atti ta' din il-kawza, tant illi Mark Brincat, Direttur tal-istess kumpanija, ta x-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, ma rrispondewx ghall-kawza u ghalhekk baqghu kontumaci.

Dwar dan il-punt u cioe' l-fatt li s-socjeta' konvenuta Timberland Ltd u l-konvenut Mark Brincat ma pprezentawx risposta, l-Qorti thoss li ghandha taghmel is-segwenti kummenti.

Dwar il-kontumacja tas-socjeta' konvenuta kif ukoll tal-konvenut Mark Brincat, il-Qorti tirreferi ghall-iskorta ta' sentenzi li nghataw fejn jinghad li "*huwa principju stabbilit illi l-kontumacja ta' konvenut f'kawza ma tekwivalix ghall-ammissjoni tat-talba tal-attur, li fuqu jibqa' jinkombi l-*

*obbligu li jipprova li l-istess talba tieghu jisthoqqilha li tintlaqa'*." (89/2013/AF) '***Nico Leonhardt vs Petra Margarethe Hildegard Nemet***' – deciza 09 ta' Lulju 2013; (60/2013/AF) '***Mario Gauci vs Jason Vella et***' – deciza 09 ta' Lulju 2013).

Il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha tal-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrieh mill-parti attrici. Ghall-kuntrarju, il-kontumacja ghandha titqies bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-Artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali. In konkluzjoni fuq dan il-punt jinghad li l-kontumacja ma tammontax ghal ammissjoni. Il-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-ahjar prova u minhabba f'dan il-principju din il-Qorti ghalhekk sejra tifli l-provi prodotti sabiex tara jekk it-talba attrici hix gustifikata u ghandhiex tigi milqugha u jekk ghandha, fil-konfront ta' min peress li f'din il-kawza hemm tlett konvenuti.

Illi mill-provi prodotti ma hemm ebda dubbju li x-xoghol kellu jsir mis-socjeta' Timberland Ltd, tant illi l-ftehim ta' appalt ghal xoghlijiet ta' injam esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok MA a fol 61 u 62, gie ffirmat mill-attur Raymond Borg Bartolo bhala klijent u Mark Brincat ghan-nom tas-socjeta' Timberland Ltd, waqt li l-ftehim a fol 63 u 64, gie ffirmat minn Janet Cuschieri ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta Timberland Ltd u l-attur Raymond Borg Bartolo. Illi dawn iz-zewg dokumenti gew stampati fuq il-letterhead tas-socjeta' Timberland Ltd. Illi in oltre l-attur Raymond Borg Bartolo jixhed illi l-ewwel cekk kien ghamlu pagabbli lis-socjeta' Timberland Ltd (Dok RBB1) u jindika li meta ghamel pagamenti tal-kont tad-dawl, dan kien ghal meter tas-socjeta' Timberland Ltd (fol 104). Ghalhekk

bizzejjed jinghad li fid-dawl ta' dawn il-provi jirrizulta bic-car li hija s-socjeta' Timberland Ltd li trid twiegeb ghat-talba tal-atturi u mhux il-konvenuti Mark u Rita konjugi Brincat individwalment u personalment u ghalhekk dawn verament ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u t-talba ta' l-atturi ghandha tigi trattata u kkunsidrata biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Timberland Ltd.

Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuta Rita Brincat eccepiet li:

*"t-talbiet huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili [Kap 16] tal-Ligijiet ta' Malta*" u cioe' li l-azzjoni ghad-danni ghandha ssir sa sentejn mill-akkadut.

Illi pero' dwar dan il-perjodu preskrittiv indikat mill-konvenuta, il-Qorti ma taqbilx u appuntu ghalhekk din il-Qorti ser tirreferi ghad-diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Malta, partikolarment ghas-sentenza '**Borda vs Arrigo Group of Hotels Ltd'**, deciza fil-15 ta' Jannar 1999, fejn jinghad li r-relazzjoni bejn is-sid u l-kuntrattur hija wahda kontrattwali, bil-preskrizzjoni ghad-danni tkun dik generali ta' hames snin, u b'obbligu tal-kuntrattur li jaghmel tajjeb ghad-danni jekk jirrizulta li hu ma wettaqx ix-xoghol li gie nkarigat jaghmel kif trid is-sengha ta' dak ix-xoghol partikolari.

Fil-kaz de quo hi semmai applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali ghalkemm din il-Qorti m'ghandhiex tara x'inhu t-terminu preskrittiv tal-azzjoni odjerna, imma ghandha biss tara jekk l-artikolu citat mill-konvenuta japplikax jew le. Jinsab ritenut illi:

*"Trattandosi di un'azione per danni derivanti dall'inadempimento di uza obbligazione contrattuale, non e' applicabile la disposizione dell'art. 1917 dell'ordinanza VII del 1368 che e' applicabile solo ai danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale evvero Aquiliana, ga e' invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli difetti del contratto".* (Vol. XIX p. 111 p. 106 ; Vol. XXIX p. I p. 1340 ; XXVI p. I p.54 ; XXXIII p. II p. 379 ;

Vol. XXXVII p. I p. 140 ; "**Carmela armla Manicolo vs Philip Hili**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

Illi ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

Dwar il-mertu jinghad li l-kawza kienet ibbazata fuq talba ghal rifuzjoni ta' ammont imhallas bhala depozitu, pero' mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti ma jidhirx li effettivament l-attur qed jitlob dawn il-flejjes ghar-raguni msemmija fir-rikors promotur. Dan qed jinghad ghaliex fix-xhieda tieghu l-attur jaqsam l-ammont mitlub minnu u cioe' l-ammont ta' hdax-il elf, mitejn u erbghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€11,240.84) bil-mod segwenti, sitt elef u disa' mitt ewro (€6,900) huwa l-valur tad-danni subiti skont il-kalkoli tieghu. Fil-fatt ex admisses jghid "*is-somma ta' €6,900 li jiena hallast bhala danni (sottolinear tal-Qorti) lil St Anthony Woodworks."* Dwar is-somma ta' erbat elef u disgha u hamsin ewro (€4,059) jispjega illi din hija ghal refuzjoni ta' somma flus imhallsa ghal hlas ta' VAT inutilment u dwar dan ex admisses jghid fis-seduta tat-8 ta Mejju 2013 "*nippretendi s-somma ta' €4,140.84 li hallast ghal VAT jekk huwa ma jaghtinix VAT receipt."* Filwaqt li l-bilanc ta' mitejn u tnejn u tmenin ewro (€282) ammont indikat bhala access izda ma huwiex car ghal xhiex qieghed fil-fatt jirreferi dan l-ammont (Dok RBB4) a fol. 100. [Ghalhekk jigi nnotat mil-Qorti illi dawn it-tliet ammonti flimkien jammontaw ghal hdax-il elf, mitejn u wiehed u erbghin ewro €11,241]. Mkien pero' ma jispjega x'kien dan l-access u meta fil-fatt thallas jekk thallas.

L-attur ma pprezenta l-ebda invoice jew inkartament sabiex jispjega l-breakdown li xehed dwarha dwar is-somom fuq indikati. Ipprezenta biss stima a fol. 89 ghas-somma ta' elfejn u sebghin ewro u disghin centezmu (€2,070.90) mahruga minn St Anthony Woodworks dwar hlasijiet li kellu jaghmel lilha pero' jekk il-hlasijiet sarux skond din il-*quotation* ma jirrizultax mill-process. Jekk dan l-ammont indikat fid-dokument a fol. 89 jigi maghdud mal-ammonti kif indikati fid-dokument RRB4 (fol. 100) flimkien jammontaw ghal somma akbar minn dik reklamata

permezz tal-avviz u in oltre jirrizulta wkoll li dawn il-flejjes ma humiex dovuti bhala refuzjoni ta' depozitu zejjed li sar.

M'hemmx dubbju li dawn il-kalkoli gew kontestati biss mill-konvenuta Rita Brincat li kkontestat is-somom maghmula kif ukoll id-dokumenti pprezentati u dan permezz tal-kontro-ezami li sar nhar l-4 t'April 2013, u s-sottomissjonijiet finali taghha minkejja li dawn is-somom mhumiex in linea ma dak pretiz mill-attur fir-rikors promotur.

Illi s-sentenza fl-ismijiet (346/2010 VG) '**Joseph Gauci pro et noe vs Angelo Grixti'** deciza fil-15 ta' Gunju 2012, titratta b'mod car l-iskop tal-kontro-ezami u l-importanza tieghu. Illi in sintesi inghad li meta ma jsirx il-kontro-ezami tax-xhieda, dan jimplika li qieghed jigi accettat li dak li x-xhud ikun qal huwa kollu minnu. Huwa minnu li l-konvenut Mark Brincat huwa kontumaci pero' meta ittella jixhed mill-konvenuta martu Rita Brincat setgha jaghti spejgazzjoni dwar is-somom mitluba u dan peress li xehed wara li saret din l-allegazzjoni. Kemm il-konvenut kif ukoll is-socjeta' Timberland Limited setghu jitolbu lill-Qorti sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjoni minkejja li kienu kontumaci u dan sabiex jispjegaw il-fatti maghrufa minnhom pero' ghazlu li ma jaghmlu xejn minn dan u jistriehu biss fuq il-provi migbura mill-attur.

Illi ghalhekk permezz tax-xhieda tal-attur stess jinghad li t-talba attrici ma tistax tirnexxi u dan ghaliex il-Qorti hija marbuta sabiex tiddeciedi l-kaz taghha a bazi tat-talba fir-rikors fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti.

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza moghtija nhar is-26 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet '**John Borg vs Joseph Pace et noe'** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili "*Il-kawzali tac-citazzjoni hija dik li hemm espressa fic-citazzjoni u ma tistax tinbidel. Jekk imbaghad il-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa, id-decizjoni taghha tkun extra petita. Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda".*

Il-Qorti sejra tislet is-segwenti bran mis-sentenza tal-Qorti ta’ Appell, tat-12 ta’ Lulju, 1965 fl-ismijiet ‘**Joseph Gatt v. Joseph Galea**’:

“*F’okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f’kawzi joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b’mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta’ ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ex officio.”*

Fis-sentenza fl-ismijiet ‘**Melita Cable plc vs Awtorita` ta’ Malta Dwar il-Komunikazzjoni**’, Appell Civili (Inferjuri), 13 ta’ Frar 2009, il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghad-decizjoni hawn fuq imsemmija qalet illi:

“*Jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f’vizzju ta’ ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta’ l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfissirx illi l-gudikant hu b’xi mod ristrett milli jindividwa n-natura ezatta ta’ l-azzjoni jew li jqieghed abbazi tal-pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta’ dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakulta` taqa’ fl-attribuzzjonijiet tieghu. Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-***Mattirolo** *illi “non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa”. (“***Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri***”, Appell Civili, 25 ta’ Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa’ fl-argini ta’ dak lilu domandat jew eccepit*”.

**Ghalhekk ghal din ir-raguni u cioe' li mill-atti ma jirrizultax li effettivament l-attur ghandu jiehu xi somma rapprezentanti depozitu li kien ta lill-konvenuti bhala parti minn prezz ta' xoghol ta' bibien u xambrelli, liema depozitu ma thallasx lura minkejja li l-kuntratt tax-xoghol ta' bibien u xambrelli kien gie mhassar bi qbil bejn il-partijiet kollha koncernati, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta Rita Brincat u tillibera lilha u lil Mark Andrew Brincat de proprio mill-osservanza tal-guduzzju pero' fir-rigward tat-talba tal-attur fil-konfront tas-socjeta' Timberland Limited, ghalkemm mhix qed tilliberha mill-osservanza tal-gudizju, hija tal-fehma li l-atturi ma pprovawx dak minnhom pretiz fil-konfront ta' din is-socjeta' u ghalhekk mhix qed tilqa' t-talba taghhom fil-konfront tas-socjeta' konvenuta sabiex tikkundannha thallashom is-somma ta' hdax-il elf, mitejn u erbghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€11,240.84) kif mitluba minnhom fir-rikors promotur.**

**L-ispejjez tal-kawza kif mitluba mill-atturi jithallsu minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------